# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 27 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 6**

**Rikors numru 1245/2011 SM**

**Carin Construction Limited (C-12194)**

**v.**

**A.GH Ltd (C-49580)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpanija mħarrka minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Ottubru, 2015 (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata"), fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha w għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti laqgħet it-talbiet attriċi billi sabet lill-kumpanija mħarrka (minn issa 'hemm imsejħa "l-appellanti") bħala debitriċi tal-kumpanija attriċi appellata fl-ammont mitlub,

rappreżentanti l-import ta' *credit notes* maħruġa mill-istess appellanti li kellhom jissarrfu f'konsenji ta' konkos provdut minn kumpannija oħra;

2. Fl-att li bih fetħet il-kawża, l-appellata tgħid li l-appellanti ddelegat lil terza persuna biex tħallas dejn li hija kellha mal-appellata fl-ammont ta' sebgħin elf ewro (€70,000) billi, permezz ta' ħruġ ta' numru ta' *credit notes*, l-appellata setgħet "tifdihom" f'materjal f'dak l-ammont mill-imsemmija terza persuna. Billi t-terza persuna waqfet teżerċita l-kummerċ sa qabel ma laħqu ssarrfu l-imsemmija *credit notes*, l-appellata daret fuq l-appellanti biex tħallas dejnha;

3. Għall-azzjoni tal-appellata, l-appellanti laqgħet billi, b'mod preliminari, saħqet li ma kinitx il-leġittima kontraditriċi billi d-debitur tal-appellata kienet JAJ Company Limited (minn issa 'l hemm imsejha "JAJ"). Fil-mertu laqgħet billi qalet li hija ma kellha l-ebda dejn mal-appellata u li kienet ċediet favur l-appellata numru ta' krediti li hija stess kellha kontra JAJ. Tenniet li kienet għarrfet lil JAJ b'dan u JAJ qablet. Għaldaqstant, l-appellanti qalet li l-appellata kellha tressaq il-pretensjonijiet tagħha fil-konfront ta' JAJ u mhux fil-konfront tagħha;

4. Illi biex waslet għall-imsemmija sentenza appellata, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

*"Ikkunsidrat:*

*“9.0. Illi l-fatti li taw lok għall-procedura odjerna kif postulati mis-soċjeta` rikorrenti jistgħu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:*

*“9.1 Illi s-socjetajiet kontendenti kienu f’negozju flimkien;*

*“9.2. Illi minn pagamenti dovuti mis-socjeta` intimata lil dik rikorrenti, ta’ l-ewwel ghad jonqosha thallas lil ta’ l-ahhar l-ammont ta’ sebghin elf Ewro, (€70,000.00);*

*“9.3. Illi biex jithallas dan l-ammont rimanenti indikat fil-paragrafu precedenti s-socjeta` intimata pproponiet li thallas l-istess ammont permezz ta’ sebgha credit notes fl-ammont ta’ ghaxart elef Ewro, (€10,000.00), il- wahda f’konkrit minghand is-socjeta` JAJ Company Limited;*

*“9.4. Illi stante li s-socjeta` JAJ Company Limited ma baqghetx topera, il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti ma sehhewx;*

*“9.5. Illi stante l-impossibilita` tal-pagament riskontrat, is-socjeta` rikorrenti talbet li l-pagament rimanenti dovut isir mis-socjeta` intimata;*

*“9.6. Illi in effetti, is-socjeta` intimata ghaddiet il-credit notes in dizamina lis-socjeta` rikorrenti wara li s-socjeta` JAJ Company Limited kienet waqfet tezercita l-kummerc;*

*“Ikkunsidrat:*

*“10.0. Illi l-fatti kif postulati mis-socjeta` intimata jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:*

*“10.1. Illi tikkonferma li cediet seba` (7) credit notes favur is-socjeta` rikorrenti ammontanti ghall-ghaxart elef Ewro, (€10,000.00), il-wahda biex jittiehdu minghand is-socjeta` JAJ Construction Limited;*

*“10.2. Illi sussegwentement ghal dan il-ftehim miet id-direttur principali tas-socjeta` JAJ Company Limited u ftit wara, din is-socjeta` waqqfet l-operazzjonijiet kummercjali taghha;*

*“10.3. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti ma setghetx tiehu l-ammonti ta’ konkos kif precedentement patwit;*

*“Ikkunsidrat:*

*“11.0. Illi rizultat tas-suespost jirrizulta s-segwenti:*

*"11.1. Illi s-socjeta` rikorrenti ghad ghandha tiehu minghand is-socjeta` intimata;*

*"11.2. Illi r-rabta kontrattwali bejn is-socjetatjiet kontendenti ghada vigenti nonostante il-falliment tas-socjeta` JAJ Construction Limited;*

*"11.3. Illi l-falliment tas-socjeta` JAJ Construction Limited bl-ebda mod ma jeffettwa r-relazzjoni kummercjali bejn is-socjetajiet kontendenti u bl-ebda mod ma jisposta r-responsabbilita` tal-pagament dovut mis-socjeta` intimata lil dik rikorrenti;*

*"11.4. Illi credit note hi dak li hi – semplicement dokument indikattiv u f'dan il-kaz, indikattiv il-modalita` tal-pagament – mhux ir-responsabbilita` kuntrattwali naxxenti minn negozju kummercjali ezegwit mis-socjeta` rikorrenti lis-socjeta` intimata – liema negozju kummercjali jezigi l-pagament patwit;*

*"11.5. Illi l-credit notes in dizamina ghalhekk ma jistghux jigu ekwiparati, kif donnu qed tippretendi s-socjeta` intimata, ghal cessjoni tad-debitu minnha dovut lis-socjeta` rikorrenti;*

*"Ikkunsidrat:*

*"12.0. Illi tenut kont tas-suespost tqis li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi r-risposti ġuramentati tas-socjeta` intimata u takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti:*

*"**Decide:***

*"12.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' sebghin elf Ewro, (€70,000.00);*

*"12.2. Tordna li s-socjeta` intimata tonora l-obbligi minnha assunti billi tikkonsenja lis-socjeta` rikorrenti l-pagamenti relattivi indikati fil-credit notes ammontanti ghas-somma ta' sebghin elf Ewro, (€70,000.00), li jistghu jissarrfu f'konkos, u dan, fi zmien tlett (3) xhur mill-lum;*

*"12.3. Tordna li fin-nuqqas, is-socjeta` intimata thallas is-somma ta' sebghin elf Ewro, (€70,000.00), rapprezentanti s-seba` (7) credit notes in dizamina, oltre l-imghax dovut mill-14 ta' Settembru, 2011, sad-data tal-effettiv pagament;*

*"12.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-imsemmi rikors guramentat promotur kontra l-istess socjeta` intimata*";

5. Illi l-appellanti ħassitha aggravata mill-imsemmija sentenza, u b'Rikors tal-Appell tal-10 ta' Novembru, 2015, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha u tiċħad it-talbiet tal-appellata. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata;

6. Illi permezz ta' Risposta tal-1 ta' Diċembru, 2015, l-appellata laqgħet billi qalet li l-ebda wieħed mill-aggravji msemmija fir-Rikors tal-Appell ma huwa ġustifikat u legalment sostenibbli. Issostni li l-ftehim milħuq, fejn il-ħlas isir permezz ta' *credit notes*, huwa wieħed aċċettat fl-industrija tal-kostruzzjoni, u ma jammontax għal ċessjoni ta' kreditu. Dan ifisser li l-appellata għadha marbuta li tħallas dejnha. Talbet għaldaqstant li l-appell jiġi miċħud u s-sentenza appellata tiġi konfermata;

7. Rat l-atti kollha tal-kawża;

8. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

9. Rat li waqt is-smigħ tat-12 ta' Jannar, 2021, il-kawża tħalliet għallum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

10. Illi din hija azzjoni maħsuba biex iġġiegħel debitur iħares ir-rabta ta' ħlas lill-kreditur tiegħu. L-appellata tgħid li għandha tieħu mingħand l-appellanti l-import ta' *credit notes* (li fl-atti tal-kawża ssejħu wkoll bħala "vouchers") mgħoddijin lilha mill-appellanti bi ħlas, u li tagħhom baqgħet ma tħallsitx, minkejja li l-appellanti kienet għarfet li għandha tħallasha, u wara li sar qbil li l-ħlas tad-dejn jissarraf b'konsenji bi prezzijiet maqbula ta' materjal għall-bini mingħand terza persuna (JAJ) fuq is-saħħa ta' *credit notes* (li fl-atti tal-kawża ssejħu wkoll bħala "*vouchers*") maħruġin mit-terza persuna. Ġara li t-terza persuna waqfet milli tkompli teżerċita l-kummerċ qabel ma l-appellata laħqet "fdiet" l-imsemmija *credit notes*. L-appellanti laqgħet billi qalet li hija ma kinitx il-kontradittriċi leġittima tal-appellata u li ma kien għad fadlilha tħallas xejn, għaliex hija kienet assenjat il-krediti li kellha favur JAJ lill-appellata bis-saħħa tal-imsemmija *credit notes* u, b'hekk, l-appellata kienet saret kreditriċi ta' JAJ. L-ewwel Qorti warrbet l-eċċezzjonijiet tal-appellanti u laqgħet it-talbiet tal-appellata u ordnat lill-appellanti tħallasha l-ammont mitlub, flimkien mal-imgħax miġmugħ fuqu sa mill-14 ta' Settembru tal-2011 sal-jum tal-ħlas effettiv;

11. Illi **l-aggravju** tal-appellanti huwa wieħed, u jiġifieri li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-liġi dwar is-sura ta' negozju li sar bejn il-partijiet u l-effetti legali tal-*credit notes* mertu tal-kawża. Tgħid li l-ftehim milħuq kien wieħed ta' ċessjoni ta' kreditu għal materjal, assenjati bi skrittura separata, u fuq kull *credit note* hemm il-firma taċ-ċedent (dik tal-

appellanti), taċ-ċessjonarju (dik tal-appellata) li qed tilqagħhom, u ta' JAJ (it-terz bħala d-debitriċi ċeduta) li rrikonoxxa ċ-ċessjoni u obbliga ruhu li jonora l-ammont hemm imniżżel. L-appellanti żżid tgħid li n-natura ġuridika ta' *credit note* hija kemm dik kummerċjali fis-sura ta' kambjala jew *promissory note*, kif ukoll ċivili li tissarraf f'ċessjoni ta' kreditu. Tqis li l-*credit note* setgħet tiġi negozjata u trasferita lill-appellata u JAJ, bħala d-debitriċi tal-appellanti, assumiet ir-rwol ta' debitur, u għaldaqstant l-appellanti m'għandhiex twieġeb għas-solvibbilta` tad-debitriċi ċeduta, ladarba ma ntrabtitx għaliha;

12. Illi, min-naħa l-oħra, l-appellata tilqa' għal dan l-argument billi tgħid li n-negozju kien wieħed sempliċi, aċċettat fil-qasam tal-industrija tal-kostruzzjoni, fejn il-mod tal-pagament kellu jkun fil-ħruġ ta' *credit notes* li jissarfu f'materjal minflok ħlas bi flus. Dan ma jfissirx li l-appellanti ċediet l-obbligi tagħha f'każ li l-*credit notes* ma jissarfux. Ittenni li l-firma tagħha ma tirriżultax fuq il-*credit note* oriġinali, iżda fuq il-kopja, u t-tifsira li għandha tingħata lil dan id-dokument hija biss dik ta' irċevuta u mhux ta' ċessjoni jew assenjazzjoni. Iżżid tgħid li l-partijiet kienu jafu li JAJ waqfet topera, iżda l-appellata aċċettat li titħallas bi *credit notes* biss għaliex ġiet imwiegħda li n-negozju ta' JAJ kien ser jitkompla;

13. Illi, qabel kull ħaġa oħra, il-Qorti jidhrilha meħtieġ li tfisser x'kien il-qafas tal-arranġament tan-negozju li l-partijiet ħadmu taħtu, għaliex fuq

is-saħħa tiegħu inħalqet ir-rabta ta' dan il-ftehim, u għaliex fuq dan irid jitqies l-aggravju mressaq mill-appellanti. Jidher li l-partijiet daħlu fi ftehim u ħaddmu l-prattika tal-użu ta' *credit notes*, fejn il-kreditriċi (l-appellata) tkun inqdiet bil-fakulta` li parti mill-prezz tirċevih b'materjal in natura. Il-materjal li d-debitriċi (l-appellanti) ntrabtet li tgħaddi lill-kreditriċi tagħha kien materjal fornit minn terza persuna (JAJ, debitur tad-debitriċi). In-negozju bejn il-partijiet ikkomplika ruħu meta l-kumpanija li kellha tissupplixxi l-materjal ma baqgħetx topera. Il-kwestjoni kollha ddur fuq jekk l-appellanti baqgħetx marbuta mal-appellata bħala debitriċi sal-ammont li baqa' pendenti mal-appellata (it-teżi tal-appellata) jew jekk l-appellata, bħala kreditriċi, tilfitx il-jedd li tfittixha meta l-appellanti ċeditilha l-kreditu li kellha favur it-terz (it-teżi tal-appellanti). Fil-fatt dan l-aħħar argument jissarraf ukoll fl-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-appellanti meta qalet li ma kinitx il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi;

14. Illi jrid jingħad li, għalkemm dan l-arranġament huwa komuni fil-qasam tal-kostruzzjoni, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, il-ftehim ma kienx wieħed ta' kont kurrenti bħalma jieħu s-sura ħafna drabi. Il-ftehim oriġinali (mas-sid tal-proġett) kien li l-appellata titħallas għax-xogħol ta' bini li kienet tqabbdet tagħmel, f'biċċa minnu b'ġid immobbli (appartamenti u garaxx li jagħmlu mill-binja "*Claverdon Court*" li kien il-proġett appaltat lill-appellata). Fil-fatt, qabel ma l-appellata laħqet dehret fuq konvenju mas-sid, sabet il-bejgħ ta' appartament minnhom lill-

appellanti. Kien f'dan l-istadju li l-partijiet ftehmu li l-appellata titħallas b'materjal[1], u meta sar il-konvenju tal-appartament, l-appellanti għaddiet "*credit note*" lill-appellata bħala depożitu fuq l-imsemmi att ta' konvenju. Meta sar il-bejgħ tal-appartament (għalkemm dan inxtara minn persuna oħra), l-appellanti għaddiet lill-appellata ammont ta' *credit notes* li jġibu l-bilanċ tal-prezz tal-immobbli miksub. Fost dawn, kien hemm is-seba' (7) *credit notes* mertu tal-każ li kellhom 'jinfdew' kollha b'materjal miksub mingħand JAJ bil-prezzijiet maqbula kif imfissra fuq kull waħda mill-imsemmija *credit notes*. Ta' min jirrileva li l-appellata la dehret fuq l-att tal-konvenju u lanqas fuq l-att nutarili ta' xiri-u-bejgħ tal-ġid immobbli;

15. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, mhux kontestat li sar użu ta' *credit notes.* Fil-fatt il-*credit notes* użati bejn il-partijiet kienu sura ta' ħlas dovut mill-appellanti lill-appellata bħala korrispettiv tal-prezz tal-immobbli li l-appellata kienet "tħallset" bih fl-appalt imwettaq (u mbagħad trasferit lil terza persuna), u għalhekk kien arranġament b'titolu oneruż. Kemm hu hekk, xi wħud mill-"*vouchers*" li ngħataw lill-appellata minn kumpaniji marbuta mal-istess appellanti, issarrfu u 'nfdew' bla diffikulta` ta' xejn sewwasew bħala parti minn dan l-arranġament ta' ħlas. L-appellanti tgħid li dan l-arranġament kien jikkonsisti f'ċessjoni ta' kreditu li saret bil-miktub[2], bl-għarfien u l-kunsens tad-debitur ċedut (JAJ)[3] u dwar

[1] Ara x-xhieda ta' Edmond Bartolo f'paġġ. 61 – 2 tal-proċess
[2] Art. 1470(1) tal-Kap 16
[3] Art. 1473 tal-Kap 16, tant li rappreżentant ta' JAJ iffirma fuq kull waħda mill-imsemmija '*credit notes*' maħruġa fuq '*letterheads*' ta' JAJ innifisha

kreditu li kien jeżisti fil-waqt taċ-ċessjoni[4]. Minħabba f'hekk, l-appellanti tisħaq li hekk kif l-appellata aċċettat l-imsemmija *credit notes*, ir-rabta tagħha mal-appellata twettqet għaliex issaldat id-dejn bil-konsenja jew ċessjoni tal-imsemmija "*vouchers*" jew titoli ta' kreditu u, minn hemm 'l hemm, kien jaqa' fuq l-appellata li tikseb il-"fidi" tal-valur tagħhom u kif ukoll ir-riskju tas-solvenza ta' JAJ[5];

16. Illi l-Qorti tqis li, ladarba l-imsemmija *credit notes* kienu fin-natura ta' ħlas f'obbligazzjoni jew fit-twettiq tagħha, jixraq li jsiru kunsiderazzjonijiet li jirrigwardaw l-effetti ġuridiċi tal-arranġament li kellhom bejniethom il-partijiet f'din il-kawża u li huma l-qofol tal-kwestjoni li għandhom bejniethom. Hija l-fehma sħiħa tal-Qorti li l-appellanti setgħet tinħeles mir-rabta tagħha tal-ħlas lill-appellata biss jekk kemm-il darba din iseħħilha 'tifdi' l-*credit notes* mgħoddijin lilha għaliex dawk id-dokumenti kienu sura ta' ċessjoni "*pro solvendo*". Kemm hu hekk, ingħad li: "*Assignment 'pro solvendo', on the contrary, does not effect payment but aims at procuring the payment (for the creditor) of what is due to the assignee by the assignor. It is called an assignment, but actually it is no assignment at all because it does not transfer ownership; it is neither the sale of the credit for a price but it is only an assignment ("assegno") which the debtor makes to his creditor of the credit due to him by a third party. It is a sort of mandate in order that the assignee ("assegnatario") may*

[4] Il-'*veritatis nominis*' li jitlob l-art. 1476(1) tal-Kap 16
[5] Art. 1477(1) tal-Kap 16

*keep what he exacts in payment or in account of his credit against the assignor 'pro solvendo'. If the assignee 'pro solvendo' does not obtain payment from the debtor of his assignor he remains a creditor of the assignor just as he was before and remains entitled to demand from him the payment of his credit: this is why it is said that the solvency of the debtor who is assigned is warranted, by right, by the assignor 'pro solvendo'*"[6]. Jekk wieħed jara s-seba' *credit notes* mertu tal-każ, għandu jsib li f'kull waħda minnhom hija l-appellanti li "tawtorizża" lil JAJ biex tipprovdi b'materjal lill-appellata sal-valur ta' kull nota minnhom;

17. Illi din il-fehma tinsab ukoll fid-duttrina meta jingħad li: "*Quando la cessione sia stata effettuata per estinguere un debito del cedente verso il cessionario, si presume che la cessione avvenga 'pro solvendo' (ossia che la liberazione del cedente si verifichi solo quando il cessionario abbia ottenuto il pagamento dal debitore ceduto); qualora risulti una diversa volontà delle parti, nel senso che il cessionario liberi senz'altro il cedente dall'obbligo che quest'ultimo aveva nei suoi confronti, accollandosi pertanto l'intero rischio della solvenza del debitore ceduto, si parla di 'cessio pro soluto*"[7]. Hekk ukoll jingħad li: "*La cessione viene classicamente distinta – quanto agli effetti che puo' spiegare rispetto ad una obbligazione originaria esistente tra cedente e cessionario ed il trasferimento del credito avvenga in adempimento della medesima – in*

[6] Caruana Galizia <u>*Civil Notes on Sale*</u> pġ. 632
[7] A. Torrente <u>*Manuale di Diritto Privato*</u> (9ª Ediz.) § 233, paġġ. 397 – 8

*cessione* ***pro soluto*** *e cessione* ***pro solvendo****. Nella prima, l'estinzione dell'obbligazione originaria é contemporanea e 'funzionalmente coessenziale' al trasferimento del credito, mentre, nella seconda, l'estinzione si verifica solo se ed in quanto il credito ceduto sia stato effettivamente riscosso. In tale prospettiva, é stato osservato che .. la cessione deve normalmente presumersi 'pro solvendo', salvo diverso patto espresso*"[8];

18. Illi ma tressqet l-ebda prova fl-atti li turi li, meta l-appellata laqgħet il-*credit notes* li għadditilha l-appellanti bi ħlas tal-kreditu li kellha, saret dikjarazzjoni min-naħa tagħhom li d-dejn kien saldat. B'dak li ġara wara l-ħruġ tagħhom, kien jidher ċar li kemm l-appellata u kif ukoll l-appellanti kienu jagħrfu li l-ħlas iseħħ hekk kif il-*credit notes* 'jinfdew' bil-konsenja tal-materjal miftiehem min-naħa ta' JAJ. Dan ma ġarax, u għalhekk l-appellanti baqgħet debitriċi tal-appellata sal-ammont mhux mifdi ta' tali *credit notes*. Huwa minnu li l-appellata ma mexxietx kontra JAJ qabel ma daret kontra l-appellanti, imma dan ma kien tal-ebda fejda ladarba JAJ waqfet tikkummerċja u ma kienx hemm lok iżjed tal-eskussjoni, qabel setgħet iddur fuq l-appellanti bħala d-debitriċi tagħha;

[8] G. Alpa & V. Mariconda <u>Codice Civile Commentato </u>(2ª Ediz 2009) Lib. IV, pġ. 313

19. Illi meħuda ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Qorti tasal għal fehma li l-aggravju tal-appellanti mhuwiex mistħoqq u għalhekk mhux sejjer jintlaqa';

***Deċide:***

20. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-kumpanija appellanti għaliex mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt u għalhekk tikkonferma għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Ottubru, 2015, fil-kawża fl-ismijiet premessi, **bl-ispejjeż** taż-żewġ istanzi kontra l-kumpanija appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr